**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 746/2019*

**Il- Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**
**-vs-**

**Dillon Leonelli detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0308392M**

Illum, 24 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Dillon Leonelli u ċioè talli:

Nhar it-08 ta' Novembru, 2019, għal-ħabta tal-għaxra u kwart ta' filgħodu (10:15hrs) waqt li kien fiċ-Ċentru Detox sitwat f'telgħet Gwardamanġia, l-Pieta':

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-ħajja ta' Joseph Brincat f'periklu ċar, ikkaġunalu ġrieħi fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura gravi hekk kif iċċertifika Dr. Robert Patinott MD Med. Reg. No: 1860 taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Shirley Grech f'periklu ċar, ikkaġunalha ġriehi ta' natura ħfief, skond kif iċċertifikat Dr. Janice Abela MD Med Reg No 6042 taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiża moghtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D. datata 25 ta' Ottubru, 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula;

   Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' sentenza mogħtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

   Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

   Il-Qorti giet finalment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' l-imsemmija Joseph Brincat u ta' Shirley Grech skond it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-prosekuzzjoni taqbel mad-difiza li mir rizultanzi processwali n-natura tal-offiza gravi maghmulha fil-konfront ta' Joseph Brincat hi wahda li tinkwadra taht l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Rat illi waqt l-udjenza mizmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghajr ghall-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif inghad, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, li giet registrata fuq l-imputazzjonijiet migjuba ghajr ghall-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi l-imputat <u>ma jistax jinsab li hu recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali tenut kont li dan l-artikolu jesigi li biex jinsab recidiv f'delitt l-imputat irid ikun "skonta" il-piena fuqu imposta</u>.

Issa fil-kaz in dezamina jirrizulta li l-imputat gie kkundannat ghall-sentenza sospiza ghall-perjodu ta' 3 snin moghtija lilu fil-25 t'Ottubru, 2017, kwazi sentejn qabel l-ghemil addebitat lilu bl-ewwel u bit-tieni imputazzjonijiet. Certament ghalhekk ma jistax jinghad li kien lahaq "skonta" xi piena fuqu imposta w konsegwentement ma jistax jinstab hati li hu recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-ammissjoni tieghu, liema ammissjoni saret fi stadju ferm tardiv tal-proceduri, tal-fedina penali tieghu w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz u senjatament ix-xhieda tal-partijiet lezi, Shirley Grech u Joseph Brincat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 214, 216(1)(b), 221 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah **tlettax il-xahar (13) prigunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal **sena millum.**

Inoltre` wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti **qeghda testendi** s-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-25 t'Ottubru, 2017, ta' **sena prigunerija** sospizi ghall-tlett snin, ghal **tmintax (18) il-xahar ohra** li jibdew jiddekorru millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll tas-sentenza li giet estiza.

Finalment u in vista tax-xhieda tal-partijiet lezi, tichad it-talba ghall-hrug ta' ordni ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**